C/2026/868

27.2.2026

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Kooperattivi Industrijali: għodda għall-isfida tal-kompetittività inklużiva u sostenibbli

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2026/868)

Relatur: **Giuseppe GUERINI (IT, III)**

Korelatur: **Michal PINTÉR (SK, Kat. 1)**

Konsulenti	Diana DOVGAN (għar-relatur tal-Grupp III) Alexandra ŠARINOVÁ (għall-korelatur tal-Kat.1)
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	23.1.2025
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)
Adozzjoni fis-sezzjoni	12.9.2025
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	3.12.2025
Sessjoni plenarja Nru	601
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	198/0/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali jintegraw l-edukazzjoni dwar in-negozju kooperattiv fit-taħriġ tradizzjonali dwar l-intraprenditorija u dak vokazzjonali, kemm fil-livell sekondarju kif ukoll f'dak terzjarju. Dan jinkludi kampanji ta' sensibilizzazzjoni u workshops immirati lejn l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija, li jiżguraw li jirrikonoxxu l-mudell kooperattiv. L-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali għandhom jippromovu l-kooperattivi fost l-istart-ups u l-intraprendituri żgħażagħ. Opportunitajiet speċifiċi għall-kooperattivi għandhom jiġu inklużi fil-programm Erasmus+.

1.2. Il-KESE jenfasizza li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-kooperattivi industrijali bħala xprunaturi ewlenin tal-ekonomija Ewropea u jimplimentaw inċentivi finanzjarji mmirati (ħelsien mit-taxxa, għotjiet, finanzjament b'interess baxx) biex iħeġġu lill-kooperattivi industrijali jadottaw simbjożi industrijali u ċirkolarità. L-awtoritajiet muniċipali u reġjonali għandhom jipprovdu inċentivi fiskali u sussidji lokalizzati għal kooperattivi li għadhom kif ġew stabbiliti, b'appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku fil-livell komunitarju.

1.3. Il-KESE jħeġġeġ investimenti nazzjonali u reġjonali f'parks industrijali kondiviżi u żoni ekoindustrijali, biex tiġi ffaċilitata l-lokalizzazzjoni kooperattiva. Barra minn hekk, għandhom jiġu appoġġjati pjattaformi kooperattivi ta' kondiviżjoni tal-għarfien, li jippermettu lill-kooperattivi industrijali jiskambjaw l-għarfien espert u jespandu l-produzzjoni industrijali sostenibbli.

1.4. Il-programmi ta' koeżjoni tal-UE għandhom jinvolvu miżuri ta' politika speċifiċi għall-kooperazzjoni biex jisfruttaw bis-sħiħ is-saħħa tan-negozji kooperattivi. L-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jinkorporaw miżuri speċifiċi għall-kooperazzjoni fil-pjani ta' żvilupp reġjonali, u jiżguraw li l-kooperattivi industrijali jiġu rikonoxxuti bħala muturi tas-sostenibbiltà lokali. Il-finanzjament ta' koeżjoni, il-pjani ta' investiment fl-infrastruttura u l-istrateġiji nazzjonali għar-reġjuni sottożviluppati għandhom jagħtu prijorità lill-inizjattivi mmexxija mill-kooperazzjoni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza reġjonali.

1.5. L-importanza dejjem tikber tal-intelliġenza artifiċjali u t-tagħlim awtomatiku fl-industrija tagħmel l-aċċess għad-data u l-ħżin u l-ġestjoni tagħha essenzjali u strateġikament importanti. Għal din ir-raġuni, il-kooperattivi mmexxija mid-data se jiksbu importanza dejjem akbar fil-ġestjoni tat-trasformazzjonijiet industrijali. Għal dan il-għan, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw l-assoċjazzjonijiet tan-negozju, inklużi l-kooperattivi, sabiex jieħdu inizjattivi kollettivi biex jiżviluppaw organizzazzjonijiet ta' għajnuna reċiproka bħal dawn għall-ġestjoni u l-iskambju tad-data.

1.6. Il-politiki tal-UE għandhom jirrikonoxxu li l-mudell kooperattiv joffri valur miżjud distint meta mqabbel ma' intraprizi kummerċjali konvenzjonali billi jipprijoritizza l-governanza demokratika, id-distribuzzjoni ekwa tal-ġid u l-involviment qawwi tal-komunità, kif ukoll il-kontribut tiegħu għat-tisħiħ tal-awtonomija strateġika tal-UE u r-reżiljenza u l-adattabbiltà inerenti tagħha, li huma partikolarment adattati biex jinnavigaw sfidi soċjali u ekonomiċi kumplessi.

2. **Introduzzjoni u kuntest**

2.1. In-Nazzjonijiet Uniti pproklamat l-2025 bħala s-Sena Internazzjonali tal-Kooperattivi (IYC2025) bit-tema "Il-kooperattivi jibnu dinja aħjar" u din l-għażla ġejja minn rikonoxximent dejjem akbar min-naħa tal-istituzzjonijiet internazzjonali tar-rwol tal-kooperattivi f'ħafna setturi.

2.2. Il-kooperattivi huma, fost l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u solidali, l-aktar forma strutturata f'termini intraprenditorjali u l-aktar mifruxa globalment f'termini ta' forom legali u prinċipji tal-identità. L-Unjoni Ewropea u bosta istituzzjonijiet internazzjonali rrikonoxxew ir-rwol deċiżiv li jaqdu l-intraprizi tal-ekonomija soċjali.

2.3. Il-maġġoranza tal-kooperattivi huma SMEs, iżda ħafna huma wkoll intraprizi akbar li joperaw fl-aktar setturi kompetittivi. Mill-inqas 12 % tal-popolazzjoni globali huma membri ta' kooperattivi; mitejn u tmenin miljun ruħ jaħdmu f'kooperattivi, li minnhom jiġbdu s-sors ewlieni ta' introjtu u għajxien tagħhom. Fl-Ewropa, il-kooperattivi jirrappreżentaw 141 000 membru, ħames miljun impjegat, u 250 000 intraprizi ([1]).

2.4. Fl-istrateġija industrijali tagħha, l-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet ekosistema speċifika definita bħala l-ekonomija soċjali u tal-prossimità. Madankollu, b'din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja nixtiequ nenfasizzaw li l-mudell kooperattiv kien kapaċi jibni kumpaniji kompetittivi u ta' suċċess u li s-suċċess tagħhom huwa bbażat ukoll fuq il-kapaċità inklużiva tagħhom, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u l-interazzjoni kostruttiva tagħhom mal-komunitajiet lokali.

2.5. Il-kooperattivi industrijali għandhom rwol kruċjali fil-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, u fl-istess ħin irawmu mudelli ta' negozju inklużivi. Billi jallinjaw l-interessi ekonomiċi mas-sostenibbiltà ambjentali u soċjali, il-kooperattivi jżommu r-reżiljenza fid-dawl tal-isfidi globali. Il-kapaċità tagħhom li jibbilanċjaw il-profittabbiltà, il-kompetittività u r-responsabbiltà soċjali tagħmilhom vitali għall-istrateġija ekonomika fit-tul tal-Ewropa.

3. **Il-kompetittività u l-kooperattivi Ewropej**

3.1. Id-diversità tal-intraprizi hija rikonoxxuta mit-Trattat u l-ispeċifiċitajiet tal-mudell kooperattiv dan l-aħħar ġew rikonoxxuti mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (Sentenza tal-Qorti (L-Ewwel Awla) tat-8 ta' Settembru 2011 – Kawżi magħquda C-78/08 sa C-80/08) ([2]) li tilleġitimizza l-politiki mmirati.

([1]) Cooperatives Europe 2024 Annual Report (Rapport Annwali ta' Cooperatives Europe 2024, mhux disponibbli bil-Malti).

([2]) Kawżi magħquda C-78/08 sa C-80/08: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat- 8 ta' Settembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte suprema di cassazione — l-Italja) — Ministero dell'Economia e delle Finanze, Agenzia delle Entrate vs Paint Graphos Soc. coop. arl (C-78/08), Adige Carni Soc. coop. arl, fi stralċ vs Agenzia delle Entrate, Ministero dell'Economia e delle Finanze (C-79/08), u Ministero delle Finanze vs Michele Franchetto (C-80/08) (Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ammissibbiltà — Għajnuna mill-Istat — Vantaġġi fiskali mogħtija lis-soċjetajiet kooperattivi — Klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87 KE — Kompatibbiltà mas-suq komuni — Kundizzjonijiet) (ĠU C 311, 22.10.2011, p. 6).

3.2. Il-mudell ta' negozju kooperattiv huwa kompletament konformi mal-valuri tat-Trattat tal-UE u mal-għanijiet tal-Boxxla għall-Kompetittività Ewropea. Billi jipprovaw jiksbu objettivi kemm ekonomiċi kif ukoll soċjali, il-kooperattivi jiffurmaw parti indispensabbli mill-"ekonomija soċjali tas-suq".

3.3. Il-forma ta' intrapriża kooperattiva mhijiex magħrufa sew fost iċ-ċittadini, il-komunità tan-negozju, il-banek u l-amministrazzjoni pubblika. F'xi pajjiżi, il-kooperattivi jbatu minn prattiki diskriminatorji u/jew konnotazzjonijiet negattivi u mhumiex rikonoxxuti bħala intrapriżi proprja bl-istess mod bħall-kumpaniji konvenzjonali, u dan iżid ostakli addizzjonali għat-tkabbir tagħhom u jagħmilha diffiċli ħafna għalihom li jaċċessaw il-finanzjament permezz ta' strumenti ta' self tradizzjonali. Din l-Opinjoni tista' tikkontribwixxi biex ixxerred l-immaġni tal-kooperattivi bħala negozji profittabbli, li jiġġeneraw valur u ġid bħall-kumpaniji konvenzjonali. Id-differenza tinsab fil-mod kif jitqassam il-ġid u kif il-valur jitpoġġa lura fis-soċjetà.

3.4. Il-kooperattivi għandhom objettiv fuq perjodu twil li jiksbu sostenibbiltà ekonomika u soċjali billi jagħtu l-poter linnies, jantiċipaw il-bidliet u jagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi. Il-profitti tagħhom ma jintużawx biex jimmassimizzaw ir-remunerazzjoni tal-kapital iżda biex iqassmu l-benefiċċji lejn l-investiment sostenibbli. Matul iċ-ċikli tat-tkabbir, il-profitti f'negozji orjentati lejn il-profitt għandhom it-tendenza li jitqassmu f'dividendi jew bonusijiet ġenerużi ħafna. B'kuntrast ma' dan, fil-kooperattivi l-profitti jitfaddlu sabiex ikun hemm adattament aħjar għal ċikli ta' tnaqqis fil-futur.

3.5. Il-flessibbiltà, l-adattabbiltà u l-kreattività tal-metodu kooperattiv ippermettew lill-kooperattivi joperaw fis-setturi kollha tal-ekonomija u jadattaw għall-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjetali emerġenti. Dawn huma kkaratterizzati minn daqsijiet differenti u tipoloġiji differenti. Il-kooperattivi industrijali, li ħafna minnhom huma kooperattivi tal-ħaddiema, mhumiex daqshekk magħrufa. Huma prinċipalment attivi fil-manifattura, fil-bini jew f'attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi. Il-kooperattivi industrijali huma preżenti kemm fis-setturi industrijali tradizzjonali kif ukoll f'dawk emerġenti. Il-kooperattivi joperaw ukoll fl-edukazzjoni, is-saħħa, is-servizzi, l-ikel agrikolu, il-finanzi, eċċ., kif ukoll f'setturi fixkiela bħall-IT, l-iżvilupp tas-software, l-IA u l-bijomediċina.

3.6. Il-kooperattivi, min-natura tagħhom stess, jistinkaw biex jagħtu s-setgħa lill-membri kollha b'mod ekwu, u jagħmlu l-ugwaljanza kemm għan kif ukoll kejl tas-suċċess tagħhom. Huma wrew sforzi u impenn intenzjonati biex japplikaw ukoll dawn il-valuri fuq il-post tax-xogħol. Pereżempju fil-kooperattivi tal-ħaddiema, l-involviment tal-ħaddiema fil-kontroll u l-ġestjoni tal-intrapriżi jwassal għal żieda fis-sodisfazzjon tal-ħaddiema, it-titjib tal-ħiliet u l-produttività. L-integrazzjoni tal-kundizzjonalitajiet soċjali fil-proċessi tal-akkwist pubbliku hija essenzjali għall-kooperattivi, peress li tirrikonoxxi u tagħti valur lill-missjoni soċjali tagħhom flimkien mal-prestazzjoni ekonomika.

3.7. Kważi miljun impjieg tal-manifattura ntilfu matul dawn l-aħħar erba' snin fl-UE ([3]), u l-kooperattivi għandhom jiġu promossi bħala mod wieħed kif tiġi miġġielda d-deindustrijalizzazzjoni, biex is-settur jiġi megħjun jiżgura tranżizzjonijiet doppji ġusti u ekwi u biex jiġu protetti u jinħolqu impjiegi ta' kwalità. F'dan il-kuntest ir-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa hija prijorità.

3.8. Il-kooperattivi soċjali jaqdu rwol importanti fil-proċess ta' ristrutturar u jixprunaw l-innovazzjoni soċjali. Il-kooperattivi soċjali tal-integrazzjoni fix-xogħol għandhom rwol ewlieni biex iġibu l-aktar ħaddiema esklużi fis-suq tax-xogħol permezz ta' taħriġ effettiv u adegwat. F'xi pajjiżi, bħall-Bulgarija, il-kooperattivi soċjali huma impjegaturi ewlenin ta' persuni b'diżabilità.

3.9. Waqt li l-kooperattivi industrijali jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-karbonju bħal kwalunkwe intrapriża oħra, l-oqfsa ta' rapportar attwali spiss jonqsu milli jirriflettu l-istrutturi ta' governanza u l-objettivi soċjali speċifiċi tagħhom; għalhekk, is-sistemi ta' rapportar għandhom jiġu adattati biex iqisu aħjar il-karatteristiċi distintivi tal-mudell kooperattiv u l-kontributi għas-sostenibbiltà.

3.10. Ħafna kooperattivi jmexxu t-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika jew huma involuti fiha, anke f'setturi avvanzati bħar-riċerka dwar il-produzzjoni tal-enerġija mill-idroġenu:, pereżempju fl-Italja, kooperattiva li oriġinat minn spin-off universitarja, saret punt ta' referenza għall-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija. Fil-Katalonja, kooperattiva tal-enerġija rinnovabbli għandha kważi 86 000 membru u tiġġenera 71,11 GWh fis-sena.

([3]) https://www.etuc.org/en/pressrelease/eu-loses-almost-million-manufacturing-jobs-just-4-years.

3.11. Il-mudell kooperattiv jidher ukoll li huwa effettiv u interessanti fil-ġestjoni tal-ilma b'funzjonijiet ta' interess ġenerali. Dan irriżulta mill-ħidma tal-Alliance of Community-Owned Water Services in Europe (ACOWAS-EU, l-Alleanza tas-servizzi tal-ilma proprjetà tal-komunità fl-Ewropa), stabbilita matul il-perjodu ta' konsultazzjoni għar-riformulazzjoni tal-2020 tad-Direttiva tal-UE dwar l-Ilma tax-Xorb, li tefgħet dawl ġdid fuq il-provvisti tal-ilma tax-xorb tal-komunità lokali permezz tal-kooperattivi.

3.12. Pereżempju, il-kooperattivi tal-ilma huma ġestiti u proprjetà tal-komunitajiet lokali u, minkejja li kien hemm esperjenzi interessanti fl-Awstrija, fid-Danimarka, fil-Finlandja, fi Spanja u fl-Irlanda, dawn ftit li xejn huma magħrufa u ftit li xejn ġew studjati.

3.13. Fis-settur tal-elettriku rinnovabbli, waqt li l-Ewropa bħalissa għaddejja minn tranżizzjoni sinifikanti fis-sistema tal-enerġija tagħha, b'bidla minn produzzjoni ċentralizzata għal produzzjoni deċentralizzata, parti kbira mill-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli huma ġestiti f'forom kooperattivi. Il-kooperattivi tal-enerġija jistgħu jipprovdu enerġija minn riżorsi rinnovabbli bi prezz aktar baxx. Jekk dan il-mudell jiġi promoss, l-industrija Ewropea tista' tkun aktar kompetittiva permezz ta' tnaqqis fl-ispejjeż tal-enerġija għall-intrapriżi u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika tista' tkun aktar mgħaġġla.

3.14. Il-banek kooperattivi għandhom rwol vitali fit-tisħiħ tal-ekonomiji reġjonali tal-Ewropa, fit-tisħiħ tas-swieq finanzjarji u kapitali tagħha, fit-tisħiħ tal-awtonomija strateġika tagħha globalment, u fil-finanzjament tat-tranżizzjonijiet sostenibbli u ġusti tal-Ewropa.

3.15. Hemm ukoll kooperattivi li jlaqqgħu flimkien kumpaniji u organizzazzjonijiet b'objettivi komuni f'raggruppamenti speċjalizzati biex jimmassimizzaw il-kooperazzjoni, l-innovazzjoni u l-impatt soċjoambjentali. Kull raggruppament kooperattiv huwa ddedikat għal settur speċifiku u jappoġġja lill-kooperattivi membri tiegħu biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-prodotti tagħhom jew itejbu l-prattiki ta' ġestjoni tagħhom.

3.16. Il-kooperattivi jservu bħala mekkaniżmu kruċjali biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq billi jipprijoritizzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet kollettivi u d-distribuzzjoni ekwa tar-riżorsi, u jiżguraw li l-prodotti u s-servizzi essenzjali jibqgħu aċċessibbli minkejja t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Dawn isaħħu l-pożizzjoni tal-ħaddiema u jistabbilizzaw l-impjieg f'industriji volatili. Billi jinvestu mill-ġdid il-profitti u jiffokaw fuq is-sostenibbiltà fit-tul aktar milli fuq ir-redditi tal-azzjonisti fuq terminu qasir, il-kooperattivi joħolqu reżiljenza fi swieq instabbli.

3.17. F'dawn l-aħħar snin, il-kumpaniji start-up ħaddnu dejjem aktar mudelli kooperattivi, peress li s-sjieda kondiviża trawwem innovazzjoni miftuħa u kondiviżjoni ġusta tal-profitti. Dawn il-kooperattivi moderni ta' kumpaniji start-up jingranaw għodod diġitali biex jiddeċentralizzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet, u b'hekk jagħmluhom kemm adattabbli kif ukoll kompetittivi fl-industriji emerġenti. Il-prinċipju tal-interkooperazzjoni jippermetti lill-kooperattivi jaħdmu flimkien fuq proġetti konġunti, jagħmlu mutwalizzazzjoni, jiksbu ekonomiji ta' skala u jiskambjaw l-għarfien; flimkien ma' għodod diġitali dan jipprovdi vantaġġ kompetittiv kruċjali.

4. **Kontribut kooperattiv għall-prosperità kondiviża u l-kompetittività industrijali inklużiva tal-UE**

4.1. Waħda mill-aktar prattiki interessanti u ta' suċċess għar-ristrutturar industrijali u l-preservazzjoni tal-impjiegi hija l-akkwiżizzjoni maġġoritarja mill-ħaddiema, jew it-trasferiment tan-negozju lill-impjegati skont il-mudell kooperattiv.

4.2. L-akkwiżizzjoni maġġoritarja mill-ħaddiema tinvolvi proċess ta' ristrutturar li fih l-impjegati jixtru l-biċċa l-kbira jew l-ishma kollha tas-sjieda fil-kumpanija tagħhom u, fil-fatt, isiru l-koproprjetarji. Ħafna drabi, dan iseħħ bħala sforz biex isalvaw il-kumpaniji tagħhom mill-għeluq u biex isalvaw l-impjiegi.

4.3. L-akkwiżizzjoni mill-ħaddiema tista' sservi wkoll bħala għodda biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' tranżizzjoni u ta' suċċessjoni f'negozji "b'saħħithom", normalment SMEs li huma proprjetà tal-familja. Dan jidher primarjament fi Franza, fejn ir-raġunijiet għall-akkwiżizzjoni maġġoritarja mill-ħaddiema mhumiex neċessarjament relatati ma' nuqqas ta' prestazzjoni ekonomika, u rarament ikunu. L-istħarriġ ([4]) jinnota wkoll li dan jista' jkun minħabba l-età tal-irtirar tas-sidien jew ir-rieda li jindirizzaw bidla fil-karriera.

([4]) https://www.fi-compass.eu/esfplus/workers-buyout.

4.4. Minkejja l-impatt soċjoekonomiku pożittiv tal-akkwiżizzjoni maġġoritarja mill-ħaddiema fuq li jiġu salvati l-impjiegi, l-għarfien espert u l-ħiliet kif ukoll l-introjtu fl-Ewropa, għandhom jiġu enfasizzati ostakli sinifikanti għall-akkwiżizzjoni mill-ħaddiema: lakuni regolatorji, nuqqas ta' miżuri legali u ta' appoġġ adatt, mekkaniżmi ta' finanzjament, nuqqas ta' mudell ingranat tal-akkwiżizzjoni mill-ħaddiema, interess limitat mill-banek kummerċjali, nuqqas ta' għarfien dwar il-mudell kooperattiv fost il-professjonisti li jittrattaw likwidazzjonijiet u trasferimenti. Madankollu, l-assistenza teknika, inklużi s-servizzi ta' konsulenza, it-taħriġ għas-sidien-ħaddiema futuri u l-istrumenti finanzjarji huma pprovduti minn federazzjonijiet kooperattivi u għandhom rwol ewlieni biex jiggarantixxu s-suċċess tal-akkwiżizzjoni maġġoritarja mill-ħaddiema u jillimitaw ir-riskju għall-ħaddiema. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu akbar mill-għotjiet tal-FSE+ biex jappoġġjaw is-servizzi konsultattivi u l-assistenza teknika għal-akkwiżizzjoni maġġoritarja mill-ħaddiema.

4.5. Għandhom jiġu implimentati miżuri addizzjonali li jappoġġjaw l-akkwiżizzjoni maġġoritarja mill-ħaddiema: mekkaniżmi finanzjarji diretti li jgħinu lill-ħaddiema jinvestu f'intrapriżi fi kriżi jew mingħajr suċċessuri; il-kapaċità tal-federazzjonijiet kooperattivi li jżidu l-interventi fl-ekwità u l-kważi ekwità u joħolqu garanziji speċifiċi; intervent finanzjarju mill-awtoritajiet reġjonali li jlestu l-kapital tal-ħaddiema u l-interventi finanzjarji kooperattivi; inċentivi fiskali għall-akkwiżizzjoni maġġoritarja mill-ħaddiema; drittijiet preferenzjali għall-ħaddiema sabiex jingħataw l-aħjar kundizzjonijiet għal offerta ta' xiri għal intrapriża li qed tiffaċċja l-għeluq.

5. **L-impatt fuq l-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet, it-tranżizzjoni u t-teknoloġija**

5.1. L-intraprenditorija kooperattiva tiġġenera aktar impjiegi mill-intraprenditorija tradizzjonali. Pereżempju, fi Spanja, minn 3 207 580 kumpanija aktar minn nofshom (53,6 %) ma għandhom l-ebda impjegat. B'kuntrast ma' dan, 21,21 % biss tal-kooperattivi ma għandhomx impjegati (li joperaw prinċipalment fil-kostruzzjoni u l-kummerċ). Barra minn hekk, 35,55 % tal-kooperattivi għandhom bejn impjegat u tnejn, li jaqbżu s-27,99 % tan-negozji tradizzjonali, waqt li 19,08 % oħra jimpjegaw bejn tlieta u ħames impjegati, meta mqabbla ma' 9,65 % għan-negozji li jifdal ([5]). Għalkemm dawn iċ-ċifri jistgħu jvarjaw minn pajjiż għal ieħor, jiddeskrivu tendenza ġenerali li jintwera fokus aktar qawwi fuq il-ħolqien tal-impjiegi u ż-żamma fi ħdan il-mudell kooperattiv.

5.2. Ir-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività jirrikonoxxi l-ħtieġa li jingħalaq id-distakk fil-ħiliet fl-industriji strateġiċi. Il-prinċipju tal-kooperattiva "Edukazzjoni, taħriġ u informazzjoni" jappella għall-kooperattivi biex jipprovdu edukazzjoni u taħriġ għall-membri u l-impjegati tagħhom. Dawn huma kkaratterizzati minn tagħlim tul il-ħajja, u b'hekk jippermettu lill-ħaddiema jirreaġixxu b'aġilità għall-bidliet.

5.3. L-Alleanza Kooperattiva Internazzjonali, fil-Prinċipji Kooperattivi tagħha, tiddefinixxi t-tħassib għall-komunità bħala wieħed mill-valuri ewlenin li jiggwidaw l-eżistenza u t-tħaddim tal-kooperattivi: il-kooperattivi jaħdmu għall-iżvilupp sostenibbli tal-komunitajiet tagħhom permezz ta' politiki approvati mill-membri tagħhom. Dan jenfasizza li l-kooperattivi jinsabu f'pożizzjoni unika biex jappoġġjaw l-iżvilupp lokali u t-tranżizzjoni tripla (ekoloġika, diġitali, ċirkolari), minħabba li l-approċċ sostenibbli u orjentat lejn il-komunità tagħhom għan-negozju jallinja mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari.

5.4. Il-kooperattivi industrijali għandhom il-potenzjal li jixprunaw l-iżvilupp tal-ekonomija bbażata fil-komunità, u jikkontribwixxu għall-iżvilupp minn isfel għal fuq ta' industriji fl-UE kollha li huma nodfa u inklużivi. Għalhekk, inħeġġu lill-istituzzjonijiet tal-UE jirrikonoxxu bis-sħiħ ir-rwol li l-kooperattivi jista' jkollhom fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi ġodda tal-Patt għal Industrija Nadifa.

5.5. L-importanza dejjem tikber tal-intelliġenza artifiċjali u t-tagħlim awtomatiku fl-industrija tagħmel l-aċċess għad-data u l-ħżin u l-ġestjoni tagħha essenzjali u strateġikament importanti. Għal din ir-raġuni, il-kooperattivi mmexxija mid-data se jiksbu importanza dejjem akbar fil-ġestjoni tat-trasformazzjonijiet industrijali. L-istabbiliment ta' kooperattivi għall-ġestjoni u l-iskambju tad-data jservi l-interessi tan-nies (ħaddiema, konsumaturi, intraprendituri) u tal-SMEs li ma jkunux f'pożizzjoni li jaċċessaw jew jipproċessaw ammonti kbar ta' data waħedhom.

5.6. Fil-fatt, il-kooperattivi jidhru partikolarment adatti għall-ġestjoni tal-attivitajiet intermedjarji u l-iskambju jew il-kondiviżjoni tad-data bejn l-intrapriżi. Il-kooperattivi b'mod partikolari jippermettu li l-interessi tal-ġestjoni tad-data tas-suġġetti tad-data u tad-detentur tad-data kooperattiv – li f'dan il-każ ikunu proprjetà tal-istess suġġetti tad-data – jikkoinċidu, u b'hekk tali strutturi jippermettu governanza parteċipattiva kondiviża bejn iċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-imprendituri.

([5]) Situación del Cooperativismo en España en 2023.

5.7. Il-kooperattivi industrijali jistgħu jisfruttaw ir-relazzjonijiet lokalizzati tagħhom biex jinvolvu ruħhom f'simbjożi industrijali, li fiha l-iskart jew il-prodotti sekondarji ta' industrija jew kooperattiva industrijali waħda jistgħu jservu bħala inputs tal-produzzjoni għal oħra. Dan jappoġġja l-effiċjenza fir-riżorsi u l-iffrankar tal-iskart, tal-enerġija, tal-ilma u tal-materjali. Biex jappoġġjaw il-kooperattivi industrijali fl-adozzjoni ta' dawn il-prattiki, l-istituzzjonijiet tal-UE u dawk nazzjonali għandhom jikkunsidraw politiki speċifiċi: inċentivi tat-taxxa implimentati fil-livell lokali jew muniċipali, ħelsien mit-taxxa għal kooperattivi li għadhom kif ġew stabbiliti, sussidji, għotjiet jew tipi oħra ta' finanzjament b'interess baxx, appoġġ għal pjattaformi reġjonali ta' kondiviżjoni tal-għarfien, kif ukoll investimenti muniċipali u reġjonali fl-infrastruttura (bħal parks industrijali kondiviżi, żoni ekoindustrijali, siti tal-ipproċessar/tar-riċiklaġġ tal-iskart, ċentri loġistiċi inversi, eċċ.).

5.8. Il-kooperattivi industrijali jista' jkollhom rwol speċifiku fl-iżvilupp reġjonali billi jrawmu tkabbir ekonomiku inklużiv. Il-governanza demokratika tagħhom tiżgura li l-profitti jerġgħu jiġu investiti lokalment, u ssaħħaħ l-ekonomiji reġjonali, il-koeżjoni soċjali u l-impjieg. Billi jipprijoritizzaw is-sostenibbiltà fit-tul, il-kooperattivi jippromovu r-reżiljenza tal-industriji lokali u jħeġġu l-innovazzjoni lokali u reġjonali fl-industrija. Dan għandu jiġi rikonoxxut fil-politiki tal-UE, inklużi l-fondi ta' koeżjoni, finanzjament imfassal apposta u inċentivi fil-livell lokali jew reġjonali, li jikkontribwixxu għat-tkabbir reġjonali u lokali, l-impjiegi u l-iżvilupp.

5.9. Fost l-isfidi identifikati mill-kooperattivi nfushom hemm il-kwistjoni tan-nuqqas ta' għarfien kooperattiv. Inħeġġu lill-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, kif ukoll lill-atturi nazzjonali biex jagħtu prijorità lill-integrazzjoni tal-edukazzjoni dwar il-mudell kooperattiv fl-edukazzjoni tan-negozju u jiżguraw l-esponiment tal-apprendisti, ta' dawk li qed jitgħallmu b'mod ġenerali u tal-istudenti u ż-żgħażagħ għall-prinċipji u l-operazzjonijiet kooperattivi. B'mod partikolari, il-programm Erasmus+ għandu jiġi ingranat b'mod aktar sistematiku f'dan il-qasam. Il-programm Erasmus+ għandu jappoġġja l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fil-mudell ta' negozju kooperattiv. Dan jista' jinkludi l-iżvilupp ta' traineeships iddedikati u opportunitajiet ta' mobbiltà fi ħdan intrapriżi kooperattivi madwar l-UE.

5.10. Għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-iżvilupp tal-għarfien kooperattiv fl-edukazzjoni terzjarja biex l-istudenti jkunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata dwar l-intraprenditorija kooperattiva bħala għażla ta' karriera. Għandha ssir enfasi akbar fuq il-promozzjoni tal-mudell kooperattiv fost il-kumpaniji start-up u l-intraprendituri żgħażagħ. Il-mudell kooperattiv għandu jiġi promoss fl-istrateġija futura tal-UE għall-kumpaniji start-up u scale-up.

5.11. L-edukazzjoni dwar in-negozju kooperattiv għandha tiġi integrata fl-attivitajiet ta' taħriġ ta' organizzazzjonijiet nazzjonali u lokali ta' appoġġ għan-negozji biex is-settur isir aktar attraenti għall-iżvilupp tan-negozju. It-tixrid tal-informazzjoni huwa importanti wkoll fost il-pubbliku ġenerali u fost is-settur privat (il-banek, l-istituzzjonijiet finanzjarji, iżda wkoll l-amministrazzjoni pubblika), kif ukoll fi ħdan l-assoċjazzjonijiet tal-industrija/tan-negozju.

Brussell, it-3 ta' Diċembru 2025.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Séamus BOLAND